Għalhekk nifirħu llum b'tislima xierqa
Lil min raħalna rabat ma' ġrajjietu
U għalenija toħroġ l-għajta mbierka,
Kburin għamiltna Andrija.

# Il-Ħalluqin u l-Elezzjoni Ġenerali tal-1921

Dr. Mario Cassar

## Sfond storiku

Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914–1918) Malta ma batietx minn skarsezza ta' ikel u bżonnijiet essenzjali; anzi l-livell tal-għajxien għola u kien hawn abbundanza ta' impjiegi minħabba l-preżenza massiċċa ta' suldati u bastimenti Ingliżi fil-port. Meta mbagħad il-kunflitt ġie fi tmiemu, il-kundizzjonijiet favorevoli għebu f'daqqa. Ix-xogħol fit-Tarzna nixef u l-ispiża kolonjali ddeterjorat ġmielha. L-emigrazzjoni kienet l-unika alternattiva għal bosta nies. F'din l-atmosfera ta' inċertezza u miżerja, reġgħu dehru sinjali ċari ta' tqanqil politiku. Mal-attività militari naqset ukoll l-attività kummerċjali. Il-ħajja għoliet infern minħabba l-inflazzjoni. Fl-1918 wara li x-xogħol fuq il-*breakwater* tlesta, il-qgħad laħaq iċ-ċifra ta' 15-il elf.

F'Ġunju tal-1919, in-Nazzjonalisti u s-Soċjalisti żammew id f'id. L-Assemblea Nazzjonali, immexxija min Dr Filippo Sciberras, ixxierket mal-klassi tal-ħaddiema f'miġemgħa ostili. L-irvellijiet tas-*Sette Giugno* ħallew erba' patrijotti mejtin; Lord Plumer iddikjara stat ta' emerġenza u eventwalment irrestawra l-ordni. Henry Frendo jsejjaħ dan l-episodju kruċjali "il-ġenesi tan-nazzjonaliżmu Malti".[1] Il-gwerra biddlet il-mentalità tal-poplu; id-demm li xtered ftit wara ġab is-*self government*. Fil-fatt, fis-16 ta' Mejju 1921, Malta kisbet awtonomija parzjali bis-saħħa tal-Kostituzzjoni *Milner-Amery*. Il-pajjiż issa kien se jkollu gvern bikamerali – senat bi sbatax-il membru li seba' minnhom kellhom jiġu eletti mill-poplu,[2] u assemblea leġiżlattiva b'32 membru, kollha eletti mill-poplu. Fix-xena politika deher xefaq ta' ottimiżmu, anki jekk il-politiċi lokali kienu għadhom ma nsewx l-esperjenzi qarsa ta' bejn l-1887 u l-1903. Fl-1921 il-mexxejja Maltin għall-ewwel darba setgħu jaħdmu f'karigi ftit jew wisq responsabbli. Iż-żmien ta' protesta kellu jċedi postu għal żmien ta' ħidma impenjattiva. F'dan il-perjodu, il-popolazzjoni ta' Malta kienet ta' madwar 212, 260.

## L-elezzjoni tal-1921

F'din l-elezzjoni tħaddmet għall-ewwel darba is-sistema tar-rappreżentazzjoni proporzjonali li għadna nużaw sal-lum. Sewwasew, f'din is-sena saru żewġ elezzjonijiet:

waħda għas-Senat li saret fil-5 u s-6 ta' Ottubru[3] u oħra għall-Assemblea Leġiżlattiva li saret fit-18 u d-19 tal-istess xahar.[4] Għall-elezzjoni tas-Senat, Malta nqasmet f'żewġ distretti biss; dawn kienu:

L-ewwel distrett – Il-Belt Valletta, Bormla, l-Isla, il-Birgu, il-Florjana, Ta' Sliema, San Ġiljan, Tal-Pietà, l-Imsida u l-Ħamrun.

It-tieni distrett – L-Imdina u l-bqija tal-irħula kollha f'Malta u Għawdex. Għaldaqstant Ħal Luqa kien inkluż hawn.

Għall-elezzjoni tal-Assemblea Leġiżlattiva, imbagħad, Malta nqasmet fi tmien distretti. Ħal Luqa kien jifforma parti mill-ħames distrett li kien jinkludi wkoll l-Isla, Raħal Ġdid, u Ħal Tarxien.

F'din l-elezzjoni pparteċipaw erba' partiti. Dawn kienu l-*Unione Politica Maltese* ta' Mons. Ignazio Panzavecchia, il-Partit Kostituzzjonali ta' Sir Gerald Strickland, il-Partit Laburista tal-Kurunell William Savona, u l-Partit Demokratiku Nazzjonalista tal-Avukat Nerik Mizzi li madankollu ħareġ biss fuq id-distrett ta' Għawdex fl-elezzjoni tal-Assemblea. Barra minn hekk ħarġu wkoll xi kandidati indipendenti.

Ir-riżultat kien dan:[5]

| | SENAT | ASSEMBLEA LEĠISLATIIVA |
|---|---|---|
| UPM | 1,611 (58%) = 4 siġġijiet | 7,999 (39.1%) = 14-il siġġu |
| PK | 533 (19.1%) = siġġu wieħed | 5,183 (25.3%) = 7 siġġijiet |
| PL | 598 (21.5%) = 2 siġġijiet | 4,742 (23.2%) = 7 siġġijiet |
| PDN | – | 2,465 (12.0%) = 4 siġġijiet |
| Ind. | 38 (1.4%) | 86 (0.4%) |

Fid-distretti li kienu jmissu lil Ħal Luqa spikkaw dawn il-kandidati: għas-Senat, fit-tieni distrett, telgħu Mons. Ignazio Panzavecchia (UPM), l-Avukat M. Debono (UPM), u Dun Mikiel Gonzi (PL) – aktar tard Arċisqof ta' Malta; filwaqt li għall-Assemblea Leġiżlattiva, fil-ħames distrett, telgħu l-Avukat A. Mattei (UPM), L. Portelli (PL), it-Tabib P. Borg Grech (PL), u V. Busuttil (PL). Dan ifisser li mit-total ta' seba' siġġijiet li tella' l-Partit Laburista fl-Assemblea, tlieta minnhom kisibhom appuntu minn dan id-distrett.

F'din l-elezzjoni għall-ewwel kien hemm Gvern ta' minoranza, imma mbagħad f'April 1921 saret koalizzjoni bejn l-UPM u l-PL. Din sfaxxat f'Jannar 1923 u l-UPM baqa' jmexxi waħdu. L-ewwel Prim Ministru ta' Malta kien l-Onor. Joseph Howrd (26/10/21 sa 13/10/23); fl-istess leġiżlatura warajh laħaq l-Onor. Francesco Buhagiar (14/10/23 sa 17/9/24). Il-Kap tal-Oppożizzjoni matul dan il-perjodu kien Gerald Strickland.

## Il-'Ħalluqin' li setgħu jivvutaw

Ili nisħaq li l-istorja ta' Ħal Luqa għandha tkun l-istorja tal-Ħalluqin, jiġifieri tan-nies, b'isimhom u kunjomhom. Skont ir-Reġistru Elettorali li kien ħareġ fl-1920, il-lista ta' 'Ħalluqin' li kienu eliġibbli għall-vot kienu dawn li ġejjin:

**ABDILLA**, Carmelo. Strada Santa Maria 10.
**ABDILLA**, Francesco. Strada Parrocchiale 3.
**AZZOPARDI**, Deodato. Strada San'Andrea 29.
**AZZOPARDI**, Giuseppe. Piazza Chiesa 44.
**AZZOPARDI**, Santo. Strada San Giuseppe 54.
**AZZOPARDI**, Simeone. Strada San Giuseppe 3.

*Sid ta' barriera tal-ġebel. Forna ħafna ġebel matul il-bini tan-navi.*[6]
**BALDACCHINO**, Don Giuseppe. Strada Carmine 114.
**BALZAN**, Spiridione. Strada San Giuseppe 2A.
**BARTOLO**, Giovanni. Strada Carmine 41.
**BONDIN**, Salvatore. Strada San Andrea 39.
**BONNICI**, Andrea. Strada Britannica 68.
**BONNICI**, Gaetano. Strada Rixtellu 30.
**BONNICI**, Giovanni. Strada San Paolo 29.
**BONNICI**, Giovanni, Strada Britannica 68.
**BONNICI**, Giuseppe. Strada Britannica 68.
**BORG**, Salvatore. Strada San Giorgio 11.
**BRIFFA**, Rocco. Strada San Paolo 72A.
**BRINCAT**, Felice. Piazza Chiesa 8.
**CACHIA**, Gio. Nicola. Strada Carmine 100.
**CACHIA**, Oreste. Ospizio Imghieret.
**CALLEJA**, Giovanni. Strada Santa Maria 13A.
**CALLEJA**, Vincenzo. Strada Rixtellu 34.
**CALLUS**, Giovanni. Strada San Tommaso 1.
**CAMILLERI**, Antonio. Strada San Paolo 63.
**CAMILLERI**, Francesco. Strada San Giuseppe 66.
**CAMILLERI**, Michele. Strada San Giorgio 14.
**CAMILLERI**, Nicola, Piazza Chiesa 60.
**CAMILLERI**, Paolo, Strada Carmine 82.
**CARUANA**, Giuseppe. Strada Santa Maria 29.
**CASSAR**, Annunziato. Piazza Chiesa 11.
**CASSAR**, Antonio, Strada Carmine 103.
**CASSAR**, Antonio. Strada San Giuseppe 3.
*Fl-1900 kien għadu joqgħod fi Triq il-Karmnu.*
**CASSAR**, Don Bartolomeo. Strada San Andrea 19.
*Dan is-saċerdot iċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu fl-1906.* [7]
**CASSAR**, Francesco. Strada Carmine 109.
**CASSAR**, Giacomo, Strada San Giuseppe 83.
**CASSAR**, Giuseppe. Strada San Andrea 19.
**CASSAR**, Giuseppe. Strada Carmine 143.
**CASSAR**, Vincenzo. Strada Carmine 152.
**CIAPPARA**, Paolo. Strada San Giuseppe 59.
**CREMONA**, Gio. Batta. Strada San Andrea 2.
**CUTAJAR**, Felice. Strada Nuova 56.
**CUTAJAR**, Francesco. Strada San Giuseppe 45.
**DEMICOLI**, Don Pietro Paolo. Strada Britannica 1.
*Dan is-saċerdot kien il-president tal-kumitat maħtur mill-Gvern sabiex jissorvelja l-qagħda sanitarja f'Ħal Luqa waqt l-epidemija tal-kolera fl-1887.*[8]
**ELLUL**, Andrea. Strada Carmine 150.
**ELLUL**, Antonio. Strada Carmine 151.
**ELLUL**, Benedetto, Strada Britannica 6.
**ELLUL**, Giuseppe, Strada San Paolo 43.

**FALZON**, Carmelo. Piazza Chiesa 4.
**FALZON**, Gio. Maria. Strada Carmine 117.
**FARRUGIA**, Carmelo. Strada San Giuseppe 77H.
**FARRUGIA**, Carmelo, Piazza Chiesa 57.
**FARRUGIA**, Orazio, Strada San Michele 2.
**FARRUGIA**, Rocco. Strada San Giuseppe 38B.
**FENECH**, Giovanni. Strada San Giorgio 38.
**FIOTT**, Angelo. Strada Parrocchiale 4.
**GALEA**, Gregorio. Strada Carmine 80.
**GRISCTI**, Luca, Strada Nuova 14.
*Mgħallem li ħadem il-gallerija tal-orgni tal-knisja parrokkjali fis-sentejn 1909–10.* [9]
**MAGRO**, Alberto. Strada San Giuseppe 61.
**MALLIA**, Carmelo. Strada San Giorgio 52.
**MALLIA**, Giuseppe. Strada San Giuseppe 56.
**MALLIA**, Michel'Angelo, Strada Rixtellu 27.
**MAMO**, Ludovico. Strada Rixtellu 45.
**MARGUERAT**, Amante. Ospizio Imghieret.
**MARGUERAT**, Francesco. Ospizio Imghieret.
**MARGUERAT**, Marco, MD. Ospizio Imghieret.
**MICALLEF**, Ermanno, MD, Ospizio Imghieret.
**MICALLEF**, Gio. Francesco. Strada Carmine 107.
**MICALLEF**, Salvatore. Strada Innocenzio 13.
*L-imgħallem tal-ġebel u l-lavur li ħadem iż-żewġ statwetti tal-ġebel ta' San Pietru u San Pawl fuq iċ-ċinta tal-faċċata tal-knisja ta' San Ġakbu. Ħadem ukoll ħafna skultura fil-knisja parrokkjali waqt il-bini tan-navi.* [10]
**MIFSUD**, Don Andrea. Strada Britannica 10.
*Dan is-saċerdot ċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu fl-1883.* [11]
**MIFSUD**, Filippo, Strada Carmine 105.
*Fl-1900 kien għadu joqgħod fi Triq San Ġużepp.*
**MIZZI**, Carmelo. Strada San Giuseppe 33.
**MUSCAT**, Andrea. Strada Carmine 186.
**MUSCAT**, Salvatore. Strada Carmine 169.
**PENZA**, Giovanni. Strada San Giuseppe 84.
**PSAILA**, Carlo. Strada Britannica 47.
**PSAILA**, Giuseppe. Strada San Giuseppe 77B.
**PSAILA**, Michelangelo. Strada San Giuseppe 69.
**SAMMUT**, Andrea. Strada San Michele 10.
*Surmast tal-iskola primarja ta' Ħal Luqa; ħu Carmelo.*[12]
**SAMMUT**, Andrea. Piazza Chiesa 6.
**SAMMUT**, Antonio. Strada San Giuseppe 51.
**SAMMUT**, Carmelo. Strada San Michele 10.
*Surmast tal-iskola ta' Ħal Tarxien; ħu Andrea.*[13]
**SAMMUT**, Giuseppe. Strada San Giuseppe 60.
**SAMMUT**, Michele. Strada San Giuseppe 81.
**SAMMUT**, Nicola. Piazza Chiesa 6.
**SAPIANO**, Don Giorgio. Strada Britannica 8.

*Dan is-saċerdot ċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu f'Diċembru tal-1897.* [14]
**SAPIANO**, Michele. Strada San Giuseppe 93.
**SAPIANO**, Pasquale. Piazza Chiesa 43.
**SCHEMBRI**, Andrea. Strada Carmine 22.
**SCIBERRAS**, Antonio. Strada Carmine 55.
**SCICLUNA**, Carmelo. Strada San Giuseppe 47.
**SCICLUNA**, Francesco, Strada San Paolo 46.
**SCICLUNA**, Giovanni. Strada San Giuseppe 63.
**SEICHEL (SEYCHELL)**, Carmelo. Strada San Paolo 19.
**SPITERI**, Alessandro. Strada Carmine 182.
**SPITERI**, Andrea, Strada Carmine 79.
**SPITERI**, Andrea. Strada Carmine 184.
**SPITERI**, Andrea. Strada Santa Maria 21.
**SPITERI**, Carmelo. Strada San Giorgio 33.
**SPITERI**, Carmelo, Strada Parrocchiale 38.
**SPITERI**, Gio. Maria, Stada Innocenzio 12.
**SPITERI**, Giuseppe. Strada Carmine 81.
**SPITERI**, Giuseppe. Strada Britannica 65.
**SPITERI**, Rosario, Strada Parracchiale 7.
**SPITERI**, Salvatore. Strada San Giuseppe 72A.
**SPITERI**, Salvatore. Via Valletta 11.
**SULTANA**, Giuseppe. Strada Carmine 90.
**TEUMA** Pietro. Strada San Giuseppe 75.
**VASSALLO**, Andrea. Piazza Chiesa 6.
*L-awqa arkitett Malti ta' żmienu. Bena l-knisja Ta' Pinu (Għawdex), l-Isptar tax-Xjuħ San Vinċenz de Paule (l-Ingieret), l-iskejjel primarji ta' Ta' Sliema u l-Ħamrun, id-dar tal-*Little Sisters of the Poor, *il-Ħamrun, u l-Isptar tal-*Blue Sisters. *Twieled fl-1856 u miet fl-1928. Ħutu kienu s-saċerdoti Ġużeppi u Karmenu Vassallo, kif ukoll Ġanni Vassallo, il-grammatiku famuż li flimkien ma' Ninu Cremona kiteb* Tagħrif fuq il-Kitba Maltija *fl-1924.* [15]
**VASSALLO**, Don Carmelo. Strada Britannica 69.
*Ħadem ħafna biex ikattar id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu u ma naqasx li ta' kull sena jorganizza l-festa tagħha.*[16] *Ħu Dun Ġużepp Vassallo (li kien joqgħod miegħu fl-istess dar), l-arkitett Indrì Vassallo, u l-grammatiku Ġanni Vassallo.*
**VASSALLO**, Giuseppe. Strada Rixtellu 22.
**VASSALLO**, Don Giuseppe. Strada Britannica 69.
*Bin mgħallem tal-ġebel, Salvu Vassallo, ħadem id f'id mal-perit Francesco Sammut fix-xogħol tal-bini tan-navi fis-snin 1901–1904. Mexxa wkoll ix-xogħol fuq it-tqegħid taz-zuntier (1910–1912).* [17] *Ħu Dun Karm Vassallo, l-arkitett Indri Vassallo, u l-grammatiku Ġanni Vassallo.*
**VELLA**, Don Antonio, Piazza Chiesa 59.
*Il-kappillan ta' Ħal Luqa bejn l-1903 u l-1920. Imwieled Bormla, ħa l-quddiesa fl-1894. Ħalla r-raħal għax inħatar monisnjur tal-Katridral tal-Imdina. Miet fl-1954.* [18]
**VELLA**, Lucio. Strada Parrocchiale 6.
**VELLA**, Paolo. Piazza Chiesa 59.
**ZAMMIT**, Andrea. Piazza Chiesa 32.
**ZAMMIT**, Salvatore, Strada San Giuseppe 7.

*Wieħed mill-imgħallmin involuti fil-bini tan-navi; bin mgħallem ieħor, Francesco Zammit.*[19]
**ZARB**, Paolo. Strada San Andrea 35.

## Xi kummenti

B'kollox, fl-1920, jidher li kien hemm 117-il ruħ eliġibbli għall-vot f'Ħal Luqa – sintendi kollha rġiel. In-nisa ma ngħatawx il-vot qabel l-elezzjoni tal-1947. Mhux in-nies kollha msemmija f'din il-lista ħarġu jivvutaw fl-elezzjoni tal-1921. Xi wħud lanqas biss kienu għadhom joqogħdu r-raħal. Il-Kappillan, Dun Anton Vella, pereżempju, kien telaq sena qabel. Floku nħatar iż-Żurrieqi Dun Ġużepp Magri li ħa l-pussess fil-25 ta' Lulju 1920.[20] Apparti minn hekk mhux kollha kienu Ħalluqin; għalhekk il-kelma qabel urejtha bejn il-virgoletti.

B'kollox jidhru l-ismijiet ta' tmien saċerdoti: Dun Ġużepp Baldacchino, Dun Bert Cassar, Dun Pietru Pawl Demicoli, Dun Indrì Mifsud, Dun Ġorġ Sapiano, Dun Karm Vassallo, Dun Ġużepp Vassallo, u appuntu l-Kappillan Vella.

Jissemmew żewġ tobba – Marco Marguerat u Ermanno Micallef li kienu stazzjonati San Vinċenz (dak iż-żmien magħruf bħala *l'Ospizio Imgieret*). Dwn ma kinux minn Ħal Luqa. Żewġ membri oħra tal-familja Marguerat, Amante u Francesco, kienu wkoll jaħdmu fl-istess sptar; l-istess kien jagħmel Oreste Cachia.

Fost l-irġiel imsemmija, imbagħad, insibu żgur tliet mgħallmin (Luqa Griscti, Salvu Micallef, u Salvu Zammit), żewġ surmastrijiet tal-iskola (l-aħwa Indrì u Karmenu Sammut), l-arkitett Indrì Vassalo u sid ta' barriera, Xmun Azzopardi. Kollox jindika li ħafna mill-irġiel eleġibbli għall-vot kienu membri tal-kleru, mgħallmin tas-sengħa, professjonisti, jew sidien ta' proprjetà.

Skont il-konswetudni taż-żmien, kemm l-ismijiet tan-nies (*Andrea, Giuseppe, Carmelo, Francesco, Antonio, Giovanni, Salvatore, Paolo*, eċċ.) kif ukoll l-ismijiet tat-toroq kienu jidhru bit-Taljan.[21] Id-distribuzzjoni kienet kif ġejja: *Strada San Giuseppe* (Triq San Ġużepp) - 25 persuna;[22] *Strada Carmine* (Triq il-Karmnu) - 23; *Piazza Chiesa* (Misraħ il-Knisja) - 13; *Strada Britannica* (illum Triq Pawlu Magri) - 11; *Strada San Andrea* (Triq Sant'Andrija) - 6; *Strada San Paolo* (Triq San Pawl) - 6; *Strada San Giorgio* (Triq San Ġorġ) - 5; *Strada Rixtellu* (Triq ir-Rixtellu) - 5; *Strada Parrocchiale* (Triq il-Parroċċa) - 5; *Strada Santa Maria* (Triq Santa Marija) - 4; *Strada San Michele* (Triq San Mikiel) - 3;[23] *Strada Innocenzio* (Triq il-Papa Innoċenzju) - 2; *Strada Nuova* (Triq il-Ġdida) - 2; *Strada San Tommaso* (Triq San Tumas) - 1; *Via Valletta* (Triq il-Belt Valletta)[24] - 1. Ma' dawn irridu nżidu l-ħames persuni li kienu jaħdmu l-Ingieret.

Il-familji l-aktar rappreżentati kienu: *Spiteri* (12), *Cassar* (9), *Sammut* (7), *Bonnici* (5), *Camilleri* (5), *Azzopardi* (4), *Ellul* (4), *Farrugia* (4), u *Vassallo* (4).

**Referenzi**

1 Ara Henry Frendo, *Ir-Revoluzzjoni Maltija tal-1919*, Empire Press, Malta, 1970.

2 L-għaxar membri l-oħra kienu maqsumin hekk: żewġ membri li jirrappreżentaw il-kleru, żewġ membri tan-nobbiltà, żewġ membri li jirrappreżentaw il-gradwati; żewġ membri mill-Kamra tal-Kummerċ, u tnejn oħra li jirrappreżentaw il-korpi sindakali (*Trade Union Council*).

3 Għal din l-elezzjoni kienu eleġibbli għall-vot 3,495 persuna imma minnhom vvotaw biss 2,800 (2,780 validi).

4 Għal din l-elezzjoni kienu eleġibbli għall-vot 27,104 persuni imma minnhom ivvotaw biss 20,634 (20,475 validi).

5 Michael J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Malta*, Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1987, pp. 27–9.

6 Joseph Micallef, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*, L-Awtur, Malta, 1975, p. 270..

7 Micallef, p. 264.

8 Micallef, p. 227.

[9] Micallef, p. 274.
[10] Micallef, pp. 257, 271.
[11] Micallef, p. 258.
[12] Micallef, p. 266.
[13] Micallef, p. 266.
[14] Micallef, p. 264.
[15] Micallef, pp. 270–81.
[16] Micallef, p. 243. Il-festa kienet issir appuntu fil-Knisja tal-Karmnu li kellha titwaqqa' fl-1942 minħabba l-estensjoni tal-ajruport.
[17] Micallef, pp. 271, 273.
[18] Micallef, p. 265. Wara Vella, laħaq kappillan Dun Ġużepp Magri (1920–29).
[19] Micallef, p. 271.
[20] Micallef, p. 282.
[21] L-ismijiet tat-toroq inbidlu mit-Taljan għall-Malti u l-Ingliż f'Diċembru tal-1936. Ara Micallef, p. 286.
[22] Fl-1906, Triq San Ġużepp li qabel kienet tibda mill-qalba tar-raħal u tibqa' nieżla san-naħa li tagħti għal Ħal Tarxien bdiet titqies bħala żewġ toroq hekk kif il-biċċa t'isfel (minn fejn taqsam Triq il-Ġdida) bdiet tissejjaħ appuntu Triq Ħal Tarxien. Ara Micallef, p. 286.
[23] Din it-triq kienet tibda minn ħdejn l-istatwa ta' Sant'Andrija li kien hemm qabel fil-pjazza. M'għadhiex teżisti.
[24] L-unika triq bil-kelma *Via*; sal-lum magħrufa bħala Valletta Road; l-oħrajn kollha għandhom il-kelma *Strada* (illum *Street*) quddiem l-isem. Kien fl-1909 li t-tarf t'isfel ta' Triq San Pawl saret magħrufa bħala Triq Valletta. Ara Micallef, p. 286.

